TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 119/15/F

**Julian Cesare**

**vs**

**Michael Bonello eżerċenti l-kummerċ bħala Homezone**

Illum ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Ġunju, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija, u sitta u disgħin ewro (€396), rappreżentanti l-prezz ta' magna tal-ħasil illi nxtrat fis-26 t'Awwissu 2013, u li tul iż-żmien kellha diversi problemi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi huwa xtara magna tal-ħasil għall-prezz ta' tliet mija u sitta u disgħin ewro (€396), fis-26 t'Awwissu 2013, u li kellha diversi problemi matul iż-żmien.

Illi t-Tribunal kien ordna sabiex is-soċjeta' ntimata ossia s-soċjeta' Ventura tirranġa dawn in-nuqqasijiet u li fil-fatt hekk jidher illi ġara.

L-intimat issottometta li bidlulu l-bearrings darbtejn u anke t-tank u l-cross, u li l-magna ġiet taħdem sewwa.

Illi t-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tirranġa din il-magna tal-ħasil u li huwa obligat jagħmel hekk.

Għaldaqstant it-Tribunal, huwa tal-opinjoni li l-magna hija tajba għall-użu li qed isirilha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888